MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2006

Numru 34/2004

**Il-Pulizija**
**(Supt. Neil Harrison)**
**vs**
**Addie Magri**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Addie Magri** ta’ 32 sena, iben Charles u Doris *nee’* Spiteri, mwieled Wentworthville (New SouthWales, Awstralja) fit-2 ta’ Gunju, 1971, residenti 35, Triq id-Duluri, Isla, u detentur tal-karta tal-identita’ numru 474787M;

Talli f’dawn il-Gzejjer, fil-proceduri kriminali ‘Pulizija vs Jsaon Dalton’ fis-seduti tat-2 ta’ Marzu, 2001, 19 ta’ Gunju, 2001 u 21 ta’ Gunju, 2001;

1. tajt xiehda falza dwar delitt suggett ghall-piena aktar minn piena ta’ prigunerija ghal aktar minn sentejn, sew

kontra kemm favur il-persuna akkuzata, u dan bi ksur tal-artikolu 104 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. ukoll talli hlift falz quddiem Magistrat, u dan bi ksur tal-artikolu 108 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ukoll talli f'dawn il-Gzejjer fid-29 ta' Gunju, 2002 u matul l-ahhar granet;

3. kellek ukoll fil-pussess tieghek r-raza maghmula mill-pjanta Cannabis bi ksur tal-artikolu 8 (a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. ukoll talli sirt recediv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Mgt. Noel Cuschieri) fid-19 ta' Novembru, 1999.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex barra li tapplika l-piena skond il-Ligi, tordnalek thallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet is-sottomissjonijiet tas-Supt. Neil Harrison u rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-avukat Jason Azzopardi u r-risposta tal-ufficcjal prosekutur. Din il-Qorti frankament baqghet stupita bin-nota ta' sottomissjonijiet tad-difiza ghaliex jidher manifest li d-difiza ma fehemet xejn mil-kaz in dizamina u ghamlet diversi osservazzjonijiet kompletament zbaljati u sahansitra assurdi;

L-ewwel osservazzjoni li ghamlet id-difiza kienet illi l-avukat generali hareg il-kontra ordni bid-data tat-30 ta' Awissu 1999, meta l-kaz jirrisali ghad-29 ta' Gunju 2002 "u ghalhekk qatt ma jista' ikun hemm htija ghax l-akkuza hija legalment insostenibbli" Fl-istess nota, l-avukat difensur jibqa' jghid hekk, " Ma jistax ikun li l-Avukat Generali qed jordna li akkuzat jinsab hati ta' reat/delitt fl-1999 meta dan huwa akkuzat li kkomettih fl-2002! [punt ta' esklamazzjoni tal-awtur u mhux tal-Qorti] (l-artikoli elenkati a fol.217 ma jsemmux l-artiklu 8(a) tal-Kap.101, lanqas)". Il-Qorti tista' facilment tinjora din l-osservazzjoni ghaliex hija infondata kif ser ikun spjegat aktar 'l quddiem.

Izda, peress illi l-imputat irtira l-ammisssjoni tieghu ghat-tielet akkuza a bazi tal-insistenza tal-avukat difensur tieghu li l-"kontra ordni" tal-avukat generali hija nulla, jehtieg, ghal-beneficcju tal-istess imputat, illi dan jinghata spjegazzjoni dettaljata ghar-raguni tac-cahda.

Din il-Qorti tibda biex tirrileva illi f'kaz bhal dak in-dizamina ma hemm l-ebda htiega ta' kontra ordni u il-Qorti ma tistax tifhem kif l-avukat difensur qed isostni dwar dan. F'kaz ta' akkuza ta' pussess ta' droga, il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' gudikatura kriminali ghanda gurisdizzjoni biex titratta il-kawza hi jekk ikun hekk ordnat mill-avukat generali. Ai termini tal-Kap 101, hadd ma jista jitressaq quddiem il-Qorti tal- Magistrati sia bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif ukoll bhala Qorti Istruttorja hlief bl-ordni tal-avukat generali. F'kaz illi l-Ordni biex jitressaq ikun quddiem il-Qorti tal-Magistrati b’kompetenza gudikatura kriminali ma jkun jehtieg xejn aktar qua kunsens da parti tal-avukat generali; F’kaz ta’ kumpilazzjoni allura xorta tintuza l-istess procedura bid-differenza illi l-Qorti tal-Magistrati fil-kompetenza istruttorja taghha tista’ tisma’ biss l-kumpilazzjoni u f'kaz li l-avukat generali johrog il-kontra ordni allura dik il-Qorti tipprocedi billi tkompli tisma’ l-kaz bhala Qorti ta' gudikatura kriminali. Issa, fil-kaz in dizamina, peress illi t-tielet akkuza hija ravvizata bhala pussess semplici, din il-Qorti hija kompetenti bl-ordni tal-avukat generali sabiex l-imputat jitressaq u jwiegeb ghall-akkuza quddiem din il-Qorti. L-avukat difensur ghalhekk ma kienx korrett meta rrefera ghall-kontra ordni. Di piu', huwa qal illi l-"kontra ordni " hija datata precedentement ghall-data tal-allegat rejat. Kieku l-avukat difensur qara l-atti processwali sew, kien jiffranka hafna zmien lill-kullhadd. L-imputat huwa akkuzat, inter alia, illi xehed il-falz fi proceduri kriminali u ghalhekk il-prosekuzzoni esebiet kopja tal-process kriminali li fih kien xehed l-imputat biex turi fejn, skond hi, xehed il-falz. Fost id-dokumenti annessi fil-kopja tal-process esebit hemm l-ordni ta’ dakinhar tal-avukat generali sabiex l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' gudikatura kriminali u jwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu. Izda dik l-ordni *non centra* ghaliex ma tirreferix ghal-kaz in dizamina li huwa

debitament kopert b'ordni li ggib id-data tal-1 t'April, 2003 u li hija esebita a fol.4 tal-process. Forsi id-data tal-ordni inducjet lill-awtur tan-nota jahseb li din kienet xi cajta, izda kieku ezamina il-process anke b'mod legger kien jinduna illi l-ordni tal-avukat generali tinsab esebita a fol.4. Imbaghad x'jinghad ghall-dak li ssottometta dwar l-artikoli a fol 217. Fol 217 huwa r-rinviju ghall-gudizzju tal-avukat generali komunement imssejjah l-artikoli fejn l-avukat generali jibghat l-atti lill-Qorti bl-ordni li l-imputat jintbaghat quddiemha sabiex ikun gudikat u f'dan il-kaz dwar dak li hemm mahsub fl-artikoli 104, 108, 49 u 50 li jirreferu ghall-ewwel, it-tieni u r-raba akkuza. Dan ir-rinviju ma jinkludix referenza ghall-artikolu 8(a) tal-Kap 101 ghaliex dan hu kolpit b'ordni separata u cioe' dik tal-1 t'April, 2003 a fol 4. U b'hekk jirrizulta kollox in ordni.

Fl-istess nota tal-osservazzjonijiet, l-avukat difensur, irtira l-ammissjoni tal-imputat kwantu it-tielet akkuza u cioe dik dwar il-pussess tal-pjanta Cannabis.

L-avukat difensur imbaghad jghid illi l-akkuza tal-ksur tal-artikolu 104 u 108 tal-kap 9 huma alternattivi u qatt ma jista' jkun hemm htija fil-konfront tat-tnejn. Din hija assurdita' ohra ghaliex l-awtur tan-nota anqas fehem is-sentenza tal-Qorti tal-appell minnu stess citata. L-artikolu 104 tal-Kap 9 jirreferi ghall-spergur u cioe' xhieda falza moghtija fi proceduri kriminali fil-waqt illi l-artikolu 108 jirreferi ghall-xhieda falza moghtija quddiem, inter alia, magistrat, f'kull kaz mhux imsemmi fl-artikolu 104. Ghalhekk il-Qorti ticcita l-istess sentenza citata mil-avukat difensur u cioe **Il-Pulizija vs Marzouki Hachemi Beya Bent Abdellatif** – Qorti tal-Appel Kriminali 22 t'Ottubru 2001 fejn dik il-Qorti spjegat illi li tixhed falz f'kawza kriminali huwa rejat skond l-artikolu 104 kif ukoll huwa rejat li tixhed falz quddiem Magistrat f'inkjesta fejn allura ma jkunx ghadu hemm kawza kriminali sub judice. L-allegazzjoni tal-prosekuzzjoni hi li l-imputat xehed il-falz f'zewg okkazzjonijiet separati, darba f'kawza kontra tieghu u darb'ohra fi proceduri kriminali kontra terzi persuni. Ghalhekk din is-sottomissjoni ta' rejat alternattiv hija ukoll zbaljata u l-Qorti ser tinjoraha.

Naturalment l-fatt illi n-nota ta' sottomissjonijiet hija daqshekk zbaljata f'dan ir-rigward, minkejja li l-Qorti damet tistenna minn-Ottubru 2005 biex isiru dawn is-sottomissjonijiet, dan mhux ser jirifletti fuq il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti fl-ezami ta' kull akkuza dedotta kontra l-imputat.

**<u>Il-mertu</u>**:

Ikkunsidrat: Illi wara li rat l-ordni tal-avukat generali tal-1 ta' April 2004 fejn ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti biex iwegeb ghall akkuzi kontra tieghu ghal-ksur tal-Ordinanza Kap 101, u wara li rat l-artikoli tat-13 ta' Settembru 2004 u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz minn din il-Qorti (ara verbal tas-7 ta' Ottubru 2004);

Wara li semghet il-provi u rat l-atti kollha tal-kawza:

Ikkunsidrat:

Dwar l-ewwel akkuza, l-prosekuzzjoni esebiet kopja tal-process fl-atti tal-kawza **Il-Pulizija vs Addie sive Eddie Magri** deciz fid-19 ta' Novembru 1999 per Magistrat Dr. Noel Cuschieri Dok NH1 u il-process **Il-Pulizija vs James Dalton** deciz mill-qorti tal-Magistrati fl-24 ta' Gunju 2002 per Magistrat Dr. Noel Cuschieri Dok NH4.

Fl-1996 l-imputat kien intercettat fil-pussess ta' 10 pakketti eroina bl-intenzjoni li jbigh l-istess. Huwa kien irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija fejn kien qal li xtara id-droga minghand Gharbi bl-isem ta' Mohammed. L-ghada talab li jikkoregi l-istqarrija billi iddikjara li kien xtara d-droga minghand certu James Dalton minn Ta' Giorni. In segwitu ta' dan l-imputat Addie Magri tressaq il-Qorti fuq trafikkar u pussess mhux ghall-uzu esklussiv tieghu. Fil-kawza kontra tieghu, l-imputat xehed fis-seduta tad-19 ta' Novembru 1999 fejn bil-gurament (ara fol 54) ikkonferma illi huwa kien xtara id-droga minghand James Dalton. Huwa kien ammetta f'dawk il-proceduri u kien inghata piena ta' sentjen priguneria u multa ta' Lm200. (ara fol 57 sa 60). Illi fis-sentenza taghha il-Qorti kienet applikat l-

artikolu 29 tal-Kap 101 u ghalhekk tat piena ridotta peress illi l-imputat kien meqjus li ikkoopera mal-Pulizija meta semma minghand min kien xtara id-droga;

Illi fil-process Dok NH4 li huwa kopja tal-kawza **Il-Pulizija vs James Dalton**, l-imputat Addie Magri kien ix-xhud principali peress illi l-proceduri kontra Dalton inbdew a bazi ta' dak li ddikjara Addie Magri. Izda, meta mitlub jikkonferma il-kontenut tat-tieni stqarrija tieghu fejn kien ddikjara li kien xtara id-droga minghand Dalton, huwa beda jirrispondi li ma jiftakarx. Ghalhekk il-Qorti kienet illiberat lill-James Dalton peress illi ma kien hemm ebda prova kontra tieghu u dik il-Qorti kienet ordnat illi Addie Magri ikun arrestat u jitressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati sabiex jirrispondi ghar-rejat ta' spergur kontemplat fl-artikolu 104 tal-Kap 9.

Illi a fol. 54 jirrizulta illi fil-procedura kontra tieghu (Dok NH1) l-imputat kien ikkonferma l-istqarrija tieghu (kif minnu korretta meta semma lill-James Dalton) Dok. NH2 u dan bil-gurament quddiem il-Qorti li kienet qed tisma l-kawza tieghu. Issa il-prosekuzzjoni qed tikkontendi illi din ghandha titqies bhala xhieda falza moghtija bi ksur tal-artikolu 108 tal-Kap 9 fejn hu ravvizat ir-rejat ta' falza testimonjanza quddiem Mhallef jew Magistrat f'kull kaz iehor mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel. L-artikolu 104 jipprovdi ghar-rejat ta' testimonjanza falza fi proceduri kriminali izda meta l-proceduri ikunu kontra persuna ohra u mhux fil-kawza kontra dak l-imputat stess. Minkejja li s-sentenza **Il-Pulizija vs Marzouki Hachemi Beya Bent Abdellatif** taghmel distinzzjoni bejn xhieda falza fi proceduri kriminlai u xhieda falza waqt inkjesta din il-Qorti hi tal-fehma illi l-artikolu jipprovi biss ghall-xhieda falza fi proceduri kontra terzi persuni indipendenti mix-xhud u mhux ghall-testimonjanza falza mill-imputat fil-kawza kontra tieghu stess. Di fatti is-subinciz wiehed jitkellem dwar xhieda falza favur jew kontra il-persuna imputata u is-subinciz tnejn jitkellem dwar uzu tax-xhieda falza kontra il-persuna akkuzata. Il-Qorti ezaminat bir-reqqa is-sentenzi **Ir-Repubblika vs Nikola sive Nicholas Cutajar (App. Kri 31/07/1996; Ir-Repubblika vs Dr. Lawrence Pullicino (App. Kri. 07/02/1991); Il-Pulizija vs Carmelo**

**Abdilla (App Kri 31/07/1997** u ohrajn u fil-kawza **Il-Pulizija vs Carmelo Bartolo (App Kri 12/05/1953),** l-Qorti irriteniet is-segwenti:

… l-art 103 [illum 104] tal-Kodici Kriminali per se ma jikkontemplax il-kaz ta' min jixhed il-falz f'kawza kriminali tieghu stess, kif jidher car mid-dizzjoni ta' dik id-disposizzjoni tal-ligi. U tabilhaqq, il-kliem "sew kontra kemm favur l-akkuzat" juru li f'dak l-artikolu l-ligi tirriferixxi ghal-persuna differenti mill-akkuzat u mhux ghall-akkuzat stess. Huwa veru li b'dawk il-kliem il-ligi tikkunsidra ugwalment delitt il-kaz ta' min b'xhieda falza fil-kawza kriminali jiffavorixxi l-akkuzat daqs dak ta' min jghakkes lill-istess akkuzat, u dana biex telimina pregudizzju popolari u tittutela l-gustizzja; izda huwa xorta wahda veru illi, kieku l-ligi riedet tikkomprendi l-kaz ta' l-akkuzat stess li jixhed il-falz fil-kawza tieghu, il-ligi kienet tuza espressjoni ohra, u mhux taghmel riferenza ghal xhud divers mill-akkuzat. Dan jitkompla jissahhah meta jsir il-paragun ma' l-art 104 [illum 106] fejn, bla distinzjoni xejn, il-ligi tolqot kwalunkwe spergur f'sede civili**. Dan ma setax kien xort'ohra, ghax meta sar l-art 103 fuq imsemmi, l-ligi kienet lanqas tippermetti lill-akkuzat jixhed fil-kawza tieghu stess, u ghalhekk il-figura ta' spergur tal l-akkuzat f'kawza kriminali tieghu stess allura lanqas kienet possibbli.** [Sottolinear u enfazi ta' din il-Qorti]

Ghalhekk iz-zewg rejat huma diversi u mhux alternattivi ghall-xulxin u ghalhekk skond dan l-insenjament u fil-fehma tal-Qorti, li persuna tixhed il-falz fil-procedura kontra taghha stess huwa wiehed mill-kazijiet li jipprovdi ghalih l-artikolu 108 bhala kaz mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel u senjatament fl-artikolu 104;

Dwar l-ewwel reat fejn hu allegat li l-impuat xehed falz fil-kawza Il-Pulizija vs Jason Dalton: F'dik il-kawza l-imputat baqa' jsostni li ma jiftakarx meta mistoqsi minfejn kien xtara id-droga. Dan sehh fil-proceduri kontra Dalton li, kif gia inghad inbdew wara li l-imputat kien stqarr li xtara d-droga minghand Dalton fi stqarrija lill-Pulizija. Skond il-gurisprudenza taghna din ma tistax titqies bhala

“retraction” li ghandha tkun ritrattazzjoni volontarja u cara tal-persuna u mhux dikjarazzjoni li ma jiftakarx. Fil-kawza kontra Dalton, il-Qorti kienet wissiet lix-xhud illi mhux qed jitwemmen meta jghid li ma jiftakarx jekk kienx jixtri d-droga minghand Dalton meta sena u seba xhur qabel kien ikkonferma bil-gurament quddiem Qorti stqarrija li tghid li kien jixtri id-droga minghand Dalton. Min ezami tat-tlett deposizzjoniet tieghu (2/3/2001 fol 143 et seq; 19/6/2001 fol 159 et seq. u 21/6/2001 fol 169 et seq) l-imputat baqa jirrispondi “ma niftakarx” anke ghal-domandi fejn ma kellux jirrispondi hekk bhal per ezempju meta wiegeb “ma nahsibx, ma niftakarx, ma niftakar xejn” ghal-mistoqsija tal-prosekuzzjoni jekk jiftakarx li ghamel zewg stqarrijiet lill-pulizija meta dawn l-istqarijiet kienu ghandhom kemm inqrawlu (fol 161) u wara li kien ftakar diversi hwejjeg ohra bhal kemm instabet droga fuqu, fejn, it-tip taghha u li kien ibigh id-droga. Huwa manifest illi l-imputat kien evaziv f’dawk it-twegibiet tieghu u bir-rispost kontinwa tieghu li ma jiftakarx, kien qieghed jixhed il-falz;

<u>Dwar it-tieni akkuza</u>, isegwi illi dak li kkonferma bil-gurament quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-kawza tieghu stess u cioe Il-Pulizija vs Addie sive Eddie Magri (sentenza Dok NH1), dik it-testimonjanza kienet ukoll falza peress illi naqas li jiftakar dwarha fil-kawza kontra terzi. Bix-xhieda tieghu, inbdew proceduri kriminali kontra James Dalton u meta intalab biex jixhed f’dik il-kawza qal li ma jiftakar xejn. Jekk ma jiftakarx li kien xtara d-droga minghand Dalton, meta b’tali dikjarazzjoni ibbenefika bi tnaqqis fil-piena, ifissier li dik id-dikjarazzjoni ma kienitx veritiera;

Ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi l-elementi tar-reati kif ravvizati fl-artikoli 104 u 108 tal-Kap 9 huma sodisfacentement pruvati;

Dwar l-akkuza tal-pussess tal-Cannabis u cioe l-akkuza numru tlieta, l-imputat kien ammetta din fl-ewwel seduta izda irtira l-ammissjoni, haga li kellu dritt jaghmel, fl-ahhar stadju tal-kawza. Dwar dan jinghad illi l-prosekuzzjon esebiet bhala Dok NH2 oggett allegatament bicca raza tal-cannabis elevata mill-pussess tal-imputat. Id-difiza

ma kkontestatx il-fatt illi din kienet raza u a fol 68, skond il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Frar 2004, id-difiza iddikjarat li qed tezenta lil-prosekuzzjoni milli titlob ghal-hatra ta' espert sabiex jezamina id-Dok NH2. Ghalhekk, il-Qorti hi sodisfatta illi t-tielet akkuza hija pruvata fil-grad li trid il-ligi;

L-istess jinghad kwantu ir-raba akkuza dwar ir-recediva wara li l-prosekuzzjoni esebiet is-sentenza tad-19 ta' Novembru 1999 u saret id-debita identifikazzjoni tal-imputat bhala l-istess imputat fis-sentenza imsemmija;

Ghal dawn il-mottivi issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu;

Wara li rat l-artikoli 104, 108, 49 u 50 tal-Kap 9 u 8(a), Taqsima VI tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat, tikkundannah ghall-terminu ta' prigunerija ta' tlett snin mil-lum. Inoltre ai termini tal-artikolu 109 il-Qorti qed tinterdixxi b'mod generali lill-imputat kif ukoll milli jservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja, u bhala perit u dan ghal terminu ta' hames snin mil-lum.

Tordna ukoll il-kofiska u distruzzjoni tad-droga esebita Dok NH2 u tinnomina ghal-dan l-iskop lill-Ispizjar Mario Mifsud.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------